## P7_TA(2009)0031

## Ċerti atti tal-Kunsill li skadew fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jirrevoka ċerti atti tal-Kunsill li skadew fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni (COM(2009)0377 – C7-0134/2009 – 2009/0103(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0377),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0134/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0018/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.